QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)

BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**

**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Francine Cini**

Każ Numru: 178/2018

**Illum 15 ta' Diċembru 2020**

- **Preliminari**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Francine Cini,** bint Joseph Cini u Gracie xebba Buttigieg, imwielda nhar it-12 ta'

Novembru 1985 fir-Rabat, Għawdex, residenti ġewwa l-fond 'Port Mans', Blk A, Flat 2, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Żebbug, Għawdex u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 886(G), akkużata talli nhar l-1 ta' Mejju 2018 għall-habta ta' 10:30 hrs ġewwa l-Għassa tal-Pulizija, ir-Rabat, Għawdex:

(1) Bil-ħsieb li tagħmel ħsara lill-ex partner tagħha Domenic Zammit akkużatu quddiem awtorita' kompetenti (l-Għassa tal-Pulizija, Rabat, Għawdex), PS 698 b'reat filwaqt li hi kienet taf li hu kien innoċenti, u dan għamlitu bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra;

Akkużata wkoll li talli aktar kmieni f'fond ta' garaxxijiet li jinsabu fi Triq Għar Qawqla f'Marsalforn, Żebbug, Għawdex:

(2) Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara fi ħwejjeġ Domenic Zammit fil-bieb tal-garaxx, liema ħsara tammonta għal anqas minn €23.29 għad-dannu tal-istess Domenic Zammit;

(3) Bi ħsara tas-sid jew detentur għamlet vjolazzjoni oħra kontra l-proprjeta' ta' Domenic Zammit mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel dan l-artikolu u lanqas band'oħra fil-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semgħet ix-xhieda tal-imputata Francini Cini li minn jeddha ħadet il-pedana tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda kollha mressqa mid-difiża.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet preżentata mill-parte ċivile fit-tnejn (2) ta' Awwissu 2019 (Fol 114 et seq).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiża preżentata fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2019 (Fol. 121 et seq).

Rat id-digriet tas-6 ta' Lulju 2020 fejn il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

- **<u>Sinteżi tax-Xhieda Miġbura</u>**

**<u>PS 698 Shaun Tabone </u>**(Fol. 4 et seq) għamel affidavit fejn spjega li fl-ewwel (1) ta' Mejju 2018 għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30hrs) waqt li kien qiegħed xogħol fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex, Francine Cini detentriċi tal-karta tal-identita numru 886(G) irraportat li l-eks maħbub tagħha Domenic Cassar kien kissrilha l-

windscreen tal-vettura tagħha li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni Raiyle. Mas-surġent Tabone, Cini insistiet li kienet ċerta li Zammit kien għamel din il-ħsara fuq il-vettura tagħha għar-raġuni li matul dak il-lejl Zammit kien waħħal camera mal-bieb tal-garaxx tiegħu.

Is-Surġent kompla li huwa kien bagħat għal Zammit u tah id-drittijiet tiegħu. Zammit kien sostna mas-Surġent li l-windscreen tal-vettura ta' Cini kien ilu mkisser għaliex il-vettura kienet involuta f'ħabta fi Triq il-Kapuċċini, ir-Rabat. Sostna li Cini kienet qed tipprova tirranġa l-ħsara minn fuq dahru.

Is-Surġent kompla jgħid kif huwa kien reġa sejjaħ lil Cini u saqsieha jekk il-vettura tagħha kinitx involuta f'xi inċident u jekk wara dan l-inċident il-windscreen kienx ixxaqqaq. Cini insistiet li l-ħsara li kienet sabet ma kellhiex x'taqsam ma' dik tal-ħabta. Il-windscreen ma kinitx imxaqqa daqshekk.

In vista ta' dak rappurtat minn Cini, Domenic Zammit u l-Avukat tiegħu talbu sabiex Cini tiġi investigata talli għamlet rapport falz.

Is-Surġent talab l-għajnuna tal-Ispettur Spiteri u flimkien spezzjonaw il-vettura ta' Cini li kienet parkeġġjata quddiem l-Għassa n-naħa l-oħra tat-triq. Mill-investigazzjoni magħmula minnhom irrizulta li fuq in-naħa ta' barra l-windscreen kien lixx mingħajr l-ebda sinjali ta' ħsara. Iċċekkjaw ukoll l-istess windscreen minn ġewwa u rriżulta li l-ħsara kienet tinħass minn ġewwa. Dan tahom x'jifhmu li l-ħsara fil-windscreen kienet jew saret minn ġewwa jew inkella kompliet tespandi

weħidha konsegwenza tal-ewwel impatt li Cini kellha bil-vettura. Is-Surġent sostna li Cini kontinwament pruvat titfa' dubju u tħassib serju li Domenic Zammit kien wara din il-ħsara.

Sussegwentement Domenic Zammit reġa' mar l-Għassa jirraporta li huwa kien mar biex idaħħal iċ-ċavetta fil-lock tal-garaxx tiegħu u ċ-ċavetta ma kinitx daħlet. Induna li xi ħadd kien poġġielu xi ħaġa fil-lock. Huwa naddaf il-lock b'labra u minnha ħareġ biċċa njama. Zammit ippreżenta footage mill-camera li huwa kien waħħal mal-bieb tal-garaxx fejn tidher Francine Cini tersaq qrib il-garaxx ta' Zammit, tagħmel xi ħaġa mal-bieb u ftit wara tinduna bil-camera u tidher tinħasad u tinfixel. Zammit allega li dan kien seħħ ftit minuti qabel ma' Cini marret tagħmel ir-rapport kontrieh.

**<u>In kontro-eżami</u>** s-Surġent spjega li l-kliem indikat b'ittri skuri kien qed jirreferi għall-kliem li ntqal ġol-Għassa. Mistoqsi min talab biex jittieħdu proċeduri kontra Francine Cini għal rapport falz, is-Surġent wieġeb li tali talba saret kemm minn Domenic Zammit kif wkoll mill-Avukat tiegħu. Kompla jgħid li Zammit ried li jittieħdu passi kriminali kontra Cini kemm minħabba r-rapport falz u anke għaliex kienet għamlitlu l-affarijiet fis-serratura. B'riferenza għat-trab li fil-PIRS report ingħad li ġie nnutat fix-xaqq tal-windscreen u għall-fatt li m'hemm l-ebda riferenza għal dan it-trab fl-affidavit tiegħu, ix-xhud wieġeb li kien biss bi żball li huwa ma għamilx referenza għal dan it-trab fl-affidavit tiegħu.

**<u>L-Ispettur Bernard Charles Spiteri</u>** (Fol. 7 et seq) xehed li nhar l-ewwel (1) ta' Mejju 2018 kien kellmu s-Surġent Shaun Tabone rigward suspett li

s-Surġent kellu li Francine Cini setgħet għamlet rapport falz kontra Domenic Zammit. Cini kienet allegat li Zammit kien kissrilha l-windscreen tal-vettura tagħha matul il-lejl waqt li din kienet parkeġġjata fil-kumpless tal-garaxxijiet fejn għandha l-appartament. Min-naħa tiegħu Zammit kien sostna li l-windscreen kien inkiser in segwitu għall-inċident li kellha Cini bl-istess vettura xi żmien aktar qabel. L-Ispettur Spiteri flimkien mas-Surġent spezzjonaw il-vettura ta' Cini li kienet quddiem l-Għassa tal-Pulizija. Minn ġewwa tal-vettura, il-ħġieġa tal-windscreen kienet tinħass miksura iżda minn barra ma kien jinħass xejn. L-Ispettur temm jgħid li aktar tard Zammit kien irraporta li kien sab il-lock tal-garaxx imblukatt. Pero' fuq din il-materja huwa ma kienx involut.

**<u>In kontro-eżami</u>** l-Ispettur ikkonferma li l-uniku involviment tiegħu kien meta huwa eżamina l-windscreen tal-vettura tal-imputata flimkien mas-Surġent Tabone. Mistoqsi jekk lil Cini ingħatawliex id-drittijiet, l-Ispettur wieġeb li x'ħin hu eżamina l-windscreen, Cini ma ġiet mistoqsija xejn fuq rapporti foloz. L-Ispettur ikkonferma wkoll li l-fatt li Cini kienet involuta f'inċident tat-traffiku qabel l-ewwel (1) ta' Mejju 2018 kien inġab a konjizzjoni tiegħu. Pero' sostna li huwa ma kienx mexxa l-investigazzjoni fuq il-każ. Is-Surġent Tabone kien ħa ħsieb.

Rigward ix-xaqq li kien hemm fil-windscreen, l-Ispettur ikkonferma li minn barra tal-windscreen ma kien jinħass xejn iżda minn ġewwa kien jinħass.

Rigward il-footage, l-Ispettur wieġeb li huwa ma kienx rah. Sostna li l-Pulizija ma kinitx marret ġabritu hi għar-raġuni li Zammit kien ħa ħsieb jgħaddi l-footage lill-Pulizija. Ma kinitx l-ewwel darba li l-footage jgħadduh in-nies lill-Pulizija minflok imorru l-Pulizija jiġbruh.

**In ri-eżami**, l-Ispettur tenna li l-ġbir tal-footage ħa ħsiebha s-Surġent. Huwa ma kienx mar fuq il-post u l-footage ma rahx.

**Domenic Zammit** (Fol. 9 et seq) xehed li fl-ewwel (1) ta' Mejju 2018 rċieva telefonata mill-Għassa tal-Pulizija fejn intalab imur l-Għassa għaliex kien sar rapport kontra tiegħu minn Francine Cini li huwa kien kissrilha l-windscreen tal-vettura tagħha. Zammit mill-ewwel informa lill-Pulizija li l-windscreen ta' quddiem kien ilu miksur sa minn Settembru ta' qabel wara li Cini kienet involuta f'inċident tat-traffiku. Huwa ċaħad li kellu aċċess għall-vettura jew li kien mess il-vettura ta' Cini minn ġewwa.

Domenic Zammit kompla jgħid li huwa kien waħħal camera mal-bieb tal-garaxx tiegħu u li l-istess camera kienet turi l-vettura ta' Cini parkeġġjata. Il-Pulizija għalhekk talbuh iġib il-filmat biex jiġi verifikat li huwa ma kienx mess il-vettura ta' Cini. Mill-filmat li Zammit ġabar, Cini dehret wkoll tagħmel xi ħaġa fil-lock. Minn verifiki li mbagħad għamel ix-xhud, huwa sab injama fil-lock. Bħala valur tal-lock li saret il-ħsara fiha, ix-xhud indika li l-ammont ta' spejjeż involuti ma kinux jaqbżu l-ammont ta' ħmistax -il ewro (€ 15).

**Jonathan Mizzi** (Fol 14) xehed li huwa ġie nominat mill-Qorti sabiex janalizza CCTV footages u jniżżel stills minnu. L-espert indika li minkejja li huwa niżżel l-istills huwa ma setax jivverifika d-dati u l-ħin peress li l-footage ma kienx niżżlu huwa direttament mis-sistema.

**Dr. Ethel Felice** (Fol. 29) xehdet li hija kienet ġiet nominata sabiex tirrelata fuq l-istat mentali ta' Francine Cini. Ix-xhud ikkonkludiet li Cini hija mara mentalment b'saħħitha u li m'għandha l-ebda sinjali ta' mard mentali.

**Antwan Mugliett** (Fol. 36) xehed li huwa kien ġie nominat mill-Qorti sabiex jistabbilixxi kif saret il-ħsara fuq il-windscreen preċiżament jekk din saritx minn ġewwa jew minn barra. L-espert ikkonkluda li l-ħsara kienet saret minn ġewwa għall-barra u mhux viċi-versa.

**In kontro-eżami** x-xhud speċifika li meta d-daqqa fuq il-windscreen tkun bdiet minn ġewwa din tkompli fuq l-istess linja minn ġewwa. Dan għaliex il-windscreen ikun magħmul minn layers differenti ta' ħġieġ u allura jekk titlaq il-ħġieġa ta' ġewwa din tkompli għaddejja fuq l-istess layer. Temm jgħid li mit-tip ta' inċident li kellha Cini, hemm tendenza li tiċċaqlaq iċ-ċappetta fejn fuqha hemm il-windscreen. Dan seta' wassal li l-windscreen jitqanqal minn ġewwa u jinkiser.

**Francine Cini** (Fol. 80) ippreżentat l-invoices tal-ħsarat li kellha riżultat tal-inċident li kien seħħ fl-2017. Dawn kienu datati Ottubru 2017. Ippreżentat ukoll ir-rapport tal-warden tal-ħabta tal-wieħed u tletin (31)

ta' Mejju 2018, ritratti tal-istess ħabta li seħħet fl-2018 u li ħadithom bil-mobile tagħha u invoice relatata mat-tiswijiet li saru f'Awwissu 2018.

**In kontro-eżami**, l-imputata wieġbet li wara l-inċident li kellha f'Settembru 2017 il-windscreen ma kienx inbidel għaliex il-panel beater kien qalilha li kienet tiflaħ issuq bih naqra oħra, anke għaliex ma kellhiex VRT skedat fil-viċin. Mistoqsija jekk imbagħad hi fl-ewwel (1) ta' Mejju 2018 għamlitx rapport li Dominic Zammit kien xaqqaq il-windscreen, hija ċaħdet dan u qalet li għamlet rapport li mal-lejl il-windscreen kompliet tinkiser.

**Johann Vella** (Fol. 98 et seq) xehed li fl-inċident li kellha Francine Cini f' Settembru 2017, il-windscreen tal-vettura tagħha kien ixxaqqaq naqra. Peress li it-tiċrita ma komplietx tikber, il-windscreen ma nbidilx. Pero' mbagħad mat-tieni inċident li kellha l-ħsara fil-windscreen telgħet aktar u allura dan kellu jinbidel. Wara l-ewwel inċident il-windscreen ma kienx inbidel għax ix-xaqq fil-windscreen kien mal-faxxa ta' isfel tal-windscreen, madwar żewġ ċentimetri 'l fuq mill-faxxa s-sewda. Ikkonferma wkoll li windscreen jista' jmur kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa.

**In ri-eżami**, ix-xhud speċifika li l-windscreen imur minn barra jekk id-daqqa tkun minn barra u minn ġewwa jekk id-daqqa tkun minn ġewwa.

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: fl-ewwel (1) ta' Mejju 2018, Francine Cini għamlet rapport fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex fejn allegat li l-eks sieħeb tagħha Domenic Zammit kien għamlilha ħsara fil-windscreen waqt li l-vettura tagħha kienet f'kumpless ta' garaxxijiet f'Marsalforn. Domenic Zammit ġie mitkellem fuq il-kaz. Filwaqt li ċaħad l-allegazzjoni, sostna li l-windscreen kien inkiser in segwitu għall-inċident li kellha Cini ftit tax-xhur qabel. Il-fatt li Zammit ma kienx mess il-vettura ta' Cini seta' jiġi konfermat mis-CCTV footage minn camera li huwa kellu mal-garaxx peress li l-vettura ta' Cini kienet parkeġġjata faċċata tal-istess garaxx. Meta Zammit ġabar l-istess footage, irriżulta wkoll li Cini kienet imblukkatlu s-serratura tal-garaxx. Zammit għalhekk talab lill-Pulizija biex jieħdu passi kriminali kontra Francine Cini għal rapport falz kif ukoll talli għamlet ħsara fis-serratura tal-garaxx tiegħu.

Ikkunsidrat:

- **<u>L-Ewwel Imputazzjoni: ir-Reat tal-Kalumnja Kontemplat taħt l-Artikolu 101(1) tal-Kap. 9</u>**

L-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jattribwixxi responsabbilta' kriminali lil kull minn: *"bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti."* Komunement dan ir-reat huwa magħruf bħala dak tal-kalumnja verbali jew diretta. B'riferenza għal dan ir-reat fin-noti tiegħu

l-Professur Mamo jgħallem li *"such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."*

L-elementi ta' dan ir-reat huma prattikament tnejn:

(a) ir-rapport falz jew id-denunzja falza, liema rapport u denunzja jridu jkunu tali illi abbażi tal-istess, azzjoni kriminali tista' tittieħed jew tkun ittieħdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkużati; u

(b) L-intenzjoni tal-persuna li hija tagħmel ħsara lill-persuna jew persuni illi jiġu akkużati inġustament;

F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sebgħa (7) ta' Novembru 1949 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincenzo Attard**, il-Qorti kienet ikkummentat li: *"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."*

F'sentenza oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Seychell**[1] kompla jingħad li: *"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u*

[1] Deċiża fis-sbatax (17) ta' Ottubru 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

*eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."* Dan ġie ribadit ukoll f'sentenza aktar riċenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Doreen Zammit** deċiza fil-ħmistax (15) ta' Ġunju 2001 fejn il-Qorti irribadiet li: *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalumnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*[2]

Minn eżami tal-PIRS bir-riferenza 10/Z/1528/2018 li l-kontenut tiegħu ġie konfermat mis-Surġent Shaun Tabone li wkoll xehed f'dawn il-proċeduri bil-mezz tal-affidavit u anke in kontro-eżami, jirriżulta li Francine Cini effettivament għamlet rapport lill-Pulizija Eżekuttiva fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex fil-konfront ta' Domenic Zammit. Hija kienet irraportat li Zammit kien għamlilha ħsara fil-windscreen tal-vettura tagħha. Tajjeb li jingħad li għalkemm meta xehdet quddiem din il-Qorti, hija insistiet li mhux minnu li kienet għamlet tali rapport fil-konfront ta' Domenic Zammit,[3] dak imniżżel fil-PIRS huwa ċar u ma jħalli l-ebda dubju li effettivament l-imputata għamlet tali rapport fil-konfront ta' Zammit. Fil-mument li għamlet ir-rapport Cini ma

[2] Ara wkoll sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marica Muscat deċiża fit-tnax (12) ta' Diċembru 2011 (Każ Nru 279/2008).
[3] Fol. 83 tal-proċess.

qalitx biss li kellha suspett f'Dominic Zammit; iżda skont kif indikat fl-istess PIRS: *" She insisted that it was done by her ex-boyfriend, Domenic Zammit. Cini said that the reason that she suspects in her ex-boyfried is because when she went this morning to her car she found a small camera at Zammit's garage door."*[4] Ir-rapport li sar fil-konfront ta' Zammit jikkostitwixxi reat a tenur tal-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat iġorr miegħu piena karċerarja. Infatti tant hu hekk li l-Pulizija bagħtet għal Zammit biex imur l-Għassa tal-Pulizija, ġie mogħti d-drittijiet tiegħu, ġie infurmat għalfejn kien imsejjaħ l-Għassa u dan kollu qabel ma tteħditlu l-verżjoni tiegħu tal-fatti. L-ewwel element għalhekk jirriżulta sodisfatt.

Din il-Qorti trid issa tgħaddi biex tistabilixxi jekk l-imputata kinitx konxja tal-fatt li r-rapport li hija kienet qegħda tagħmel kienx wieħed falz u jekk l-intenzjoni tagħha kinitx li tagħmel ħsara lill-istess Domenic Zammit. Mill-provi akkwiżiti jirriżulta li l-imputata kienet konsapevoli tal-fatt li l-ħsara fil-windscreen kienet ġiet kaġunata riżultat ta' ħabta li hija kienet involuta fiha f'Settembru 2017. Infatti hija tippreżenta l-invoices tat-tiswijiet li saru fuq il-vettura tagħha in konnessjoni mal-inċident ta' Settembru 2017. In kontro-eżami hija tammetti wkoll li b'riżultat tal-inċident ta' Settembru 2017 il-windscreen kienet saritlu ħsara izda kienet ingħatat il-parir biex ma tbiddlux għaliex setgħet tkompli ssuq il-vettura kif kienet.[5] Apparti minn hekk, kemm

[4] Fol. 69 tal-proċess.
[5] Ara Kontro-Ezami tal-imputata a fol. 82 tal-proċess.

mill-investigazzjoni li fiha kien involut l-Ispettur Bernard Charles Spiteri kif wkoll mill-konstatazzjonijiet li għamel l-espert tal-Qorti Antwan Mugliett, il-ħsara fuq il-windscreen kienet minn ġewwa għal barra u mhux vici-versa. Li kieku sar xi intervent minn barra fuq il-windscreen tal-vettura, il-ħsara fuq il-windscreen kienet tkun ta' natura differenti minn dik li effettivament ġiet riskontrata. L-assjem ta' dan kollu jikkonferma li l-imputata għalhekk kienet konxja li r-rapport li hija għamlet fil-konfront ta' Domenic Zammit kien wieħed falz u li effettivament Zammit ma setax għamel xi ħsara fuq il-vettura tagħha. Huwa ċar ukoll li dan ir-rapport sar bl-intiża li hija tagħmel ħsara lill-istess Zammit, fl-isfond tal-fatt li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet sfaxxat minħabba li Zammit beda relazzjoni oħra. Indikattiv huwa dak li jirraporta s-Surġent Tabone li seħħ waqt li Zammit kien l-Għassa: *"X'baqalek tagħmilli aktar ? Għadek ma xbajtx mqabbad miegħi. .. . .Surġent jiena ma jistax ikun nibqa' sejjer hekk. Tant hi imqabbda mieghi li issa dejjqitni w xebbaghtni. Tant li nrid ma jkollix x'naqsam magħha li jiena kont ser ncedi l-kustodja tat-tfal. Mhux għax ma nħobbhomx għax inħobbhom daqs dawl ta' għajnejha izda biex zgur ma jkollix x'naqsam magħha aktar."*[6]

Kif gia senjalat aktar qabel, fid-deposizzjoni tagħha quddiem din il-Qorti, l-imputata qagħdet attenta biex teskludi lil Zammit mir-rapport li hija kienet għamlet. Din il-Qorti pero' kellha l-opportunita' mhux biss li teżamina bir-reqqa l-affidavit redatt minn PS 698 Shaun Tabone iżda wkoll li tisma' lill-istess uffiċċjal

[6] Fol. 5 tal-proċess.

tal-Pulizija jiddeponi quddiemha u m'għandha l-ebda esitazzjoni biex temmen dak li xehed dan l-uffiċċjal tal-Pulizija fis-sens li fl-ewwel (1) ta' Mejju 2018 ir-rapport li sar mill-imputata sar b'mod speċifiku fil-konfront ta' Domenic Zammit u ma kienx rapport fil-konfront ta' terzi injoti. L-ewwel akkuża għalhekk tirriżulta sodisfaċentement ippruvata sal-grad li trid il-liġi.

Rigward iċ-ċirkustanza aggravanti kontemplata fit-tieni (2) sub-inċiż tal-artikolu 101 fejn jingħad li l-piena tiżdied bi grad jekk ir-reat isir bl-iskop ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ, ma tressqu l-ebda provi konkreti f'dan ir-rigward. Għalhekk din iċ-ċirkostanza aggravanti ma tirriżultax.

- **<u>It-Tieni Imputazzjoni – Ħsara Volontarja fil-Proprjeta' ta' Domenic Zammit</u>**

Il-Prosekuzzjoni ressqet din l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputata in vista li Zammit kien irraporta li l-imputata daħħlet injama fis-serratura tal-garaxx ta' Zammit u kkaġunatlu ħsara fl-istess serratura tant li huwa kellu jibdel l-istess serratura. Zammit ibbaża r-rapport tiegħu fuq dak li rriżulta mill-camera tas-sigurta' li huwa installa mal-garaxx tieghu. Għalkemm l-espert Jonathan Mizzi ħareġ stills mis-CCTV footage li Zammit għadda lill-Pulizija li juru lill-imputata viċin is-serratura tal-garaxx ta' Zammit, l-espert ma kienx fil-posizzjoni li jivverifika d-dati tal-footage. Min-naħa tagħha l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li tindika li l-footage kien jirreferi għall-ewwel (1) ta' Mejju 2018 qabel il-ħin tal-

10.30hrs. Anzi l-footage kien qed juri dati u ħinijiet differenti. Id-dikjarazzjoni unilaterali da parti tal-legali tal-parte civile fil-verbal tas-seduta tas-sbatax (17) ta' Lulju 2018 li tindika l-ġurnata u l-ħin korretti fuq il-footage la tammonta għall-prova bil-ġurament u lanqas ma tista' tagħmel tajjeb għall-karenza ta' provi f'dan ir-rigward. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma tistax tkun moralment konvinta li l-allegata ħsara saret mill-imputata fil-ġurnata u l-ħinijiet indikati fl-akkuża u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li din l-akkuża ma rriżultatx pruvata.

- **<u>It-Tielet Imputazzjoni – Vjolazzjoni ta' Prorpjeta'</u>**

Fir-rigward tar-reat ravviżat fl-artikolu 340(d), il-ġurisprudenza tgħallem li din il-kontravvenzjoni ma tistax tissussisti jekk ma ssirx ħsara materjali effettiva lill-proprjeta' vjolata. Għalkemm jidher li saret ħsara lis-serratura tal-garaxx ta' Domenic Zammit, ma giex sodisfaċentement pruvat li tali ħsara ġiet arrekata mill-imputata fil-ġurnata u l-ħinijiet indikati fl-akkuża. Din il-Qorti mill-ġdid tagħmel riferenza għall-kunsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, b'mod partikolari għar-rigward il-livell probatorju tac-CCTV footage esebit. Dan biex ma jingħadx ukoll li minn imkien ma rriżulta li kien hemm xi dħul mhux awtorizzat fil-proprjeta' ta' Domenic Zammit. Din il-Qorti għalhekk lanqas ma tista' ssib ħtija fl-imputata għal din it-tielet imputazzjoni.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Riċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[7] daħlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

> Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
> (a) Retributtiv;
> (b)Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi s-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta' bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta' teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.
>
> L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għall-biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta', b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor,

[7]Appell numru 96/2019 deċiż Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħla tixtarr sew il-konsegwenzi t'għemilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta' tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati nnifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta' titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorożita' dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta' milli jiddesistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta' li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-

ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu nnifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **<u>effetti riedukattivi u korrezzjonali</u>** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta', billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Illi in linea ġenerali jibda biex jingħad li:

*l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie*

*mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[8]

Illi ċ-ċirkostanzi ta' kull każ huma partikolari għal dak il-każ u normalment ivarjaw radikalment miċ-ċirkostanzi ta' kull każ ieħor. Huwa impossibbli għal-leġislatur li jipprevedi dawn iċ-ċirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (għal kull reat) piena speċifika għal kull sensiela ta' ċirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju għalhekk illi għal kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, tipprova ssib dak il-bilanċ ġust bejn id-diversi skopijiet li għandhom jintlaħqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba ħatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni għandha ssir biex jiġi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-ġustizzja, kellha l-opportunita'

[8] Ref Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deċiż 28.11.2006.

tippronunzja ruħha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza mogħtija fil-kawża Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[9] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

[9] Deċiża fit-13 ta' Novembru 2009.

Il-Qorti tirreferi għal dak dikjarat mill-***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017***:

*Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed.*

*Section 142*[10] *of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime, reform and rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.*[11]

Huwa rilevanti li hawn issir referenza għal xi brani mis-sentenza **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009 fejn twieġeb għall-kritika lill-Qrati għaliex meta mistħoqq tingħata sentenza ta' priġunerija u tkun sospiża:

**"7. Din il-Qorti hi konxja li spiss is-sentenza ta' prigunerija sospiza tigi kkritikata. Gie li tigi malament applikata anke mill-qrati, partikolarment qrati ta' prim istanza, u huwa proprju ghalhekk li l-Avukat Generali ghandu d-dritt ta' appell anke mill-piena (salv certi limitazzjonijiet). F'dan il-kaz l-appellant Avukat Generali mhux qed ighid li l-piena ta' prigunerija sospiza ma setghetx tigi applikata (ghax, per ezempju, il-minimu applikabbli kien jeccedi s-sentejn prigunerija indikat fl-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9, jew ghax kien hemm xi ostakolu iehor, bhal, per ezempju, dawk indikati fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 28A), izda qed jghid li ma kellhiex tigi applikata tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Fi kliem iehor, qed jghid li l-piena, bis-sospensjoni b'kollox, kienet fil-parametri tal-ligi, izda li f'dan il-kaz ma kellux ikun hemm tali sospensjoni.**

---

[10] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

- (a) the punishment of offenders,
- (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c) the reform and rehabilitation of offenders,
- (d) the protection of the public, and
- (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[11] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

**"8. Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Anthony Wood* din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement[12], kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali[13]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A[14], li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[15] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing[16] *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood)**

---

[12] Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

[13] Il-Pulizija v. Joseph Said App. Krim. 26/11/1992.

[14] 28A(2): "Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

[15] Ara wkoll **R. v. O'Keefe** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.

[16] Cambridge Studies in Criminology, Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

**hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux necessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).**

**"9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra."**

## <u>Decide</u>

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq esposti, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 101(1)(b) u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li mhux qegħda ssib lill-imputata ħatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u għalhekk qegħda tilliberaha minnhom, qegħda ssibha ħatja tal-ewwel imputazzjoni pero' mingħajr iċ-ċirkostanza aggravanti li r-rapport sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra.

Il-Qorti qegħda tikkundanna lill-imputata **<u>għall-piena ta' tmien xhur priġunerija</u>** iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u minħabba li l-imputata għad kemm kellha tarbija fix-xahar ta' Ottubru 2020 hemm lok li tingħata sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' tmien xhur priġunerija għal żmien sena b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar ir-responsabbilta' tagħha taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk tikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputata sabiex a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tħallas l-ammont ta' mitejn u tletin ewro u erba' ċenteżmi (€230.04) rappreżentanti spejjeż ta' espert li ġew inkorsi fil-proċeduri odjerni u dan fi żmien sitt (6) xhur millum.

Finalment il-Qorti tħeġġeġ lill-partijiet biex ipoġġu rashom fuq għonqhom, jaraw id-differenzi ta' bejniethom issa li jidher li t-tnejn għandhom relazzjonijiet oħra, iżda jibqa' l-ulied li huma tat-tnejn li huma u ta l-ebda persuna li llum għandhom relazzjoni magħha. Il-partijiet huma adulti, responsabbli għall-interessi tagħhom u jista' jkollhom kwistjonijiet kemm iridu u jmorru l-Qorti kemm iridu iżda b'rispett tat-tfal għandhom jevitaw darba għal dejjem aktar litigazzjoni bla bżonn imma minħabba l-pika biex iweġġgħu parti jew oħra. Dan huwa sinjal ta' irresponsabbilta' kbira li jwassal lill-Qorti għall-

konklużjoni illi kull ma jimpurtahom il-partijiet, huma l-interessi personali tagħhom u mhux dawk ta' wliedhom li aktar 'il quddiem se jkun hemm persuni kattivi li jinqdew bil-proċeduri varji li kien hemm bejn it-tnejn biex iweġġgħuhom, jiddieħku bihom jew inkella jinsulentawhom.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Maġistrat**

______________________

**Mary Jane Attard**

**Deputat Reġistratur**